

- 2) Indipendentement mir-risposta għad-domanda preċedenti, il-fatt li jiġu previsti termini ta' żmien, fis-sens li r-rabta għandha teżisti għal perijodu rilevanti ta' żmien, bħala kundizzjoni preliminari għall-applikazzjoni tas-sistema, mingħajr ma l-persuni taxxabbli interessati jkunu jistgħu juru l-eżiżenza ta' raġuni ekonomika valida għall-ħolqien tar-rabta, jikkostitwixxi mezz sproporzjonat fir-rigward ta' l-ghanijsiet tad-Direttiva u ta' l-osservanza tal-prinċipju li jipprobjixxi l-abbuż ta' dritt? Fi kwalunkwe każ, tali leġiżlazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-prinċipju tan-newtrat-tà tal-VAT?

(¹) ĠU L 145, p. 1

1980 (BGBI I, p. 1993), kif emendata l-aħħar mill-Artikolu 34 tar-Regolament tal-31 ta' Ottubru 2006 (BGBI I, p. 2407).

- 2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: awtorità nazzjonali, abbażi tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari b'riferenza għall-Artikolu 10 KE u għall-prinċipju ta' l-effettività tad-dritt Komunitarju hija awtorizzata u marbuta li ma tapplikax dawk id-dispożizzjoni nazzjonali li din tqis li mhumiex konformi mad-dritt Komunitarju anki jekk m'hemmx ksur ċar tad-dritt Komunitarju u sa issa l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għadha ma sabet l-ebda nuqqas ta' kompatibbiltà bejn id-dispożizzjoni nazzjonali in kwistjoni u d-dritt Komunitarju?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichts des Saarlandes (Il-Ġermanja) fit-30 ta' Marzu 2007 — Apothekerkammer des Saarlandes, Marion Schneider, Michael Holzapfel, Fritz Trennheuser, Deutscher Apothekerverband e. V. vs Saarland, Ministerium für Justiz, Gesundheit und Soziales, intervenjenti: DocMorris N.V.

(Kawża C-171/07)

(2007/C 140/18)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichts des Saarlandes.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Apothekerkammer des Saarlandes, Marion Schneider, Michael Holzapfel, Fritz Trennheuser, Deutscher Apothekerverband e. V.

Konvenuti: Saarland, Ministerium für Justiz, Gesundheit und Soziales

Intervenjenti: DocMorris N.V.

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjoni jiet fuq il-libertà ta' l-listabbiliment għall-kumpannji tal-kapital (Artikoli 43 KE u 48 KE) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola li tistipula li biss spiżjar jista' jipposjedi spiżerija kif stabbilit fl-Artikoli 2(1), punti 1 sa 4, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7 u l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 8 tal-Liġi Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji (aktar 'il-quddiem l-“ApoG”), fil-verżjoni tal-15 ta' Ottubru 1980 (BGBl. I, pagina 1993), emendata l-aħħar darba permezz ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-31 ta' Ottubru 2006 (BGBl. I, pagina 2407)?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichts des Saarlandes (Il-Ġermanja) fit-30 ta' Marzu 2007 — Apothekerin Helga Neumann-Seiwert vs Saarland, Ministerium für Justiz, Gesundheit und Soziales, Intervenjenti: DocMorris N.V

(Kawża C-172/07)

(2007/C 140/19)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichts des Saarlandes.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Apothekerin Helga Neumann-Seiwert

Konvenuti: Saarland, Ministerium für Justiz, Gesundheit und Soziales

Intervenjenti: DocMorris N.V.

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjoni dwar il-libertà ta' l-stabbiliment għall-kumpanji ta' kapital (Artikoli 43 KE u 48 KE) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola li tistipula li biss spiżjar jista' jipposjedi spiżerija kif stabbilit fl-Artikoli 2(1), punti 1 sa 4, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7 u l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 8 tal-Liġi Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji (aktar 'il-quddiem l-“ApoG”), fil-verżjoni tal-15 ta' Ottubru 1980 (BGBl. I, pagina 1993), emendata l-aħħar darba permezz ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-31 ta' Ottubru 2006 (BGBl. I, pagina 2407)?